# Rapport Annwali

## 2022

BERS
Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku
Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja

# Werrej

**Kelmtejn qabel** 2

**Sommarju eżekuttiv** 4

**Dettalji tal-istampa** 8

# Kelmtejn qabel



*Christine Lagarde, President tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku*

**Huwa l-pjaċir tiegħi li nippreżenta t-Tnax-il Rapport Annwali tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS), li jkopri l-perjodu bejn l-1 ta' April 2022 u l-31 ta' Marzu 2023.** Ir-rapport huwa parti importanti mill-qafas tat-trasparenza u r-responsabbiltà tal-BERS. Permezz ta' dan ir-rapport, li huwa indirizzat lill-koleġiżlaturi fl-Unjoni Ewropea u lill-pubbliku Ewropew b'mod ġenerali, nispjegaw kif il-BERS wettaq il-mandat tiegħu.

**Il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat kien ikkaratterizzat minn inċertezza ġeopolitika u ekonomika akbar, l-aktar minħabba l-gwerra mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna.** Il-gwerra wasslet għal żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, li ħolqot pressjonijiet inflazzjonarji globali u wasslet għal kundizzjonijiet ta' finanzjament aktar stretti. Dawn l-iżviluppi kienu ta' piż fuq il-prospettiva ekonomika. Il-gwerra ħolqot ukoll ambjent ta' theddida ċibernetika madwar l-Ewropa. It-taħlita ta' dawn il-fatturi fissret li r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja żdiedu b'mod sostanzjali.

**Il-BERS wieġeb għal dawn l-iżviluppi b'diversi modi.** B'mod partikolari, f'Settembru 2022 il-BERS sejjaħ għal għarfien akbar dwar ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja billi ħareġ – għall-ewwel darba – **twissija ġenerali** dwar il-vulnerabbiltajiet fis-sistema finanzjarja tal-UE. Ħareġ ukoll **rakkomandazzjoni** biex jgħin sabiex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet relatati mal-proprjetà immobbli kummerċjali. Barra minn hekk, b'risposta għall-ambjent ta' theddida ċibernetika akbar, il-BERS ħa miżuri biex jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-ġuriżdizzjonijiet u l-awtoritajiet. Ippubblika wkoll **rapport** li fih stabbilixxa l-għodod u l-elementi meħtieġa biex tiġi avvanzata r-reżiljenza ċibernetika u tissaħħaħ it-tħejjija sabiex jiġu indirizzati l-inċidenti ċibernetiċi.

**Il-BERS sejjaħ ukoll lill-koleġiżlaturi biex jużaw reviżjonijiet ta' dossiers leġiżlattivi rilevanti li jgħinu sabiex jiġu indirizzati vulnerabbiltajiet magħrufa fis-settur finanzjarju mhux bankarju.** Bħala parti minn dan, huwa enfasizza kif **Solvenza II**, il-qafas regolatorju għall-assiguraturi, għandu jissaħħaħ, b'enfasi fuq l-għodod ta' ġestjoni tal-likwidità. Il-BERS saħaq ukoll li **d-*data* li l-kwalità tagħha tkun fqira b'mod persistenti** hija ta' theddida għall-istabbiltà finanzjarja. Barra minn hekk, fil-kuntest tal-bidliet immirati ssuġġeriti għar-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew, il-BERS issuġġerixxa metodi biex **jissaħħaħ l-ikklirjar ċentrali fl-UE**.

**Fit-tmiem tal-perjodu tar-rieżami, il-kollass ta' żewġ banek ta' daqs medju fl-Istati Uniti u l-problemi li rriżultaw fl-akkwiżizzjoni ta' Credit Suisse minn UBS servew bħala tfakkira tal-ħtieġa li nibqgħu viġilanti.** Il-pożizzjonijiet sodi tal-kapital u tal-likwidità, kif ukoll il-profittabbiltà robusta, ikkontribwew għar-reżiljenza tas-settur bankarju tal-UE fil-perijodu li qed jiġi kkunsidrat. Madankollu, żewġ fatturi ewlenin għadhom ta' piż fuq il-prospettiva għal dan is-settur: l-ewwel nett, it-tnaqqis fir-ritmu fit-tkabbir ekonomiku u r-rati tal-imgħax ogħla, inkluż l-impatt negattiv potenzjali fuq il-kwalità tal-assi u l-volumi tat-tislif u t-tieni nett, l-effett taż-żieda fil-kosti ta' finanzjament għall-banek, bi pressjoni potenzjali fuq il-marġni tal-imgħax. L-iskala tal-impatt ta' dawn il-fatturi għadha mhijiex magħrufa, iżda aktarx li ssir aktar netta maż-żmien. Wara l-laqgħa tiegħu fit-tmiem ta'

Marzu, il-Bord Ġenerali tal-BERS innota li l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha għandhom jippreservaw b'attenzjoni il-livelli attwali ta' reżiljenza tagħhom sabiex jiżguraw li jistgħu jkampaw f'ambjent potenzjalment anqas favorevoli.[1]

**Finalment, għadd ta' kollegi għeżież u stmati telqu mill-pożizzjonijiet tagħhom matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat, u nixtieq nirringrazzjahom kollha għall-kontribuzzjonijiet siewja tagħhom.** Nirringrazzja mill-qalb lil Stefan Ingves, li t-terminu tiegħu bħala l-Ewwel Viċi-President tal-Bord Superviżorju tal-BERS intemm meta rtira mill-kariga ta' Gvernatur tal-iSveriges Riksbank. Stefan kien mutur mill-aktar importanti fil-ħidma tal-BERS sa minn mindu ġie stabbilit. Kien il-President tal-Kumitat Tekniku Konsultattiv għall-ewwel żewġ termini (2010-16) u appoġġa lill-BERS bħala l-Ewwel Viċi-President mill-2020.

Nixtieq nirringrazzja mill-qalb lil Lars Rohde, l-eks Gvernatur tad-Danmarks Nationalbank u eks membru tal-Bord Ġenerali u l-Kumitat ta' Tmexxija, u lill-Gvernatur Pierre Wunsch, eks membru tal-Kumitat ta' Tmexxija, għall-kontributi siewja tagħhom lejn il-ħidma tal-BERS. Finalment, nixtieq nesprimi l-gratitudni tiegħi lill-Professur Javier Suarez (CEMFI) għat-tmien snin li huwa għamel bħala President u Viċi-President tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv tal-BERS.

Christine Lagarde
President tal-BERS

---

1 Ara l-**istqarrija għall-istampa wara l-laqgħa tal-Bord Ġenerali tal-BERS fit-30 ta' Marzu 2023**.

# Sommarju eżekuttiv

**F'Settembru 2022 il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) ħareġ – għall-ewwel darba – twissija ġenerali dwar il-vulnerabbiltajiet fis-sistema finanzjarja tal-UE, hekk kif ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja żdiedu b'mod perċepibbli matul is-sena.**[2] L-impatt ekonomiku tal-gwerra mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, flimkien mal-issikkar tal-kundizzjonijiet finanzjarji minħabba n-normalizzazzjoni tal-politika monetarja, żiedu l-probabbiltà ta' xenarji ta' riskju estrem. It-twissija tal-BERS sejħet għal għarfien akbar dwar ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja u saħqet dwar il-ħtieġa ta' reżiljenza akbar fis-settur finanzjarju tal-UE sabiex is-sistema finanzjarja tkun tista' tappoġġa lill-ekonomija jekk jimmaterjalizzaw dawn ir-riskji.

**Ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja fl-UE żdiedu b'mod sinifikanti fl-2022.** Il-gwerra li faqqgħet fl-Ukrajna kkawżat deterjorament rapidu fil-pajżaġġ tar-riskju, li wassal għal inċertezza ġeopolitika akbar, żieda f'daqqa fl-inflazzjoni u prospetti ta' tkabbir li qed imorru għall-agħar minħabba prezzijiet ogħla tal-enerġija, tal-ikel u tal-komoditajiet u tfixkil fil-ktajjen tal-provvisti. B'riżultat ta' dan, ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja żdiedu b'mod sinifikanti fost diversi setturi, fosthom l-unitajiet domestiċi, id-ditti mhux finanzjarji u l-istituzzjonijiet finanzjarji, kif ukoll fost is-swieq finanzjarji. Il-prospettiva għall-unitajiet domestiċi marret għall-agħar minħabba tnaqqis fid-dħul reali disponibbli u l-issikkar tal-kundizzjonijiet ta' finanzjament. Il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji, b'mod partikolari d-ditti f'setturi intensivi fl-użu tal-enerġija u dawk li daħlu għal aktar dejn matul il-pandemija tal-coronavirus (COVID-19), saru aktar vulnerabbli għal żieda fl-inflazzjoni u fir-rati tal-imgħax. Id-ditti finanzjarji saru dejjem aktar esposti għal riskji akbar ta' kreditu u ta' finanzjament hekk kif il-prospettiva makroekonomika marret għall-agħar. Il-gwerra fl-Ukrajna skattat ukoll tnaqqis qawwi u fuq bażi wiesgħa fil-prezzijiet tal-assi. Il-komoviment b'saħħtu fil-prezzijiet bejn firxa wiesgħa ta' klassijiet ta' assi naqqas il-benefiċċji tal-istrateġiji ta' diversifikazzjoni. Barra minn hekk, it-tensjonijiet ġeopolitiċi li qegħdin jeskalaw żiedu r-riskju li l-istituzzjonijiet finanzjarji jew il-fornituri ta' servizzi ewlenin li fuqhom jiddependu jistgħu jiġu mmirati minn attakki ċibernetiċi mifruxa mas-sistema kollha.

**Fil-ħames xhur wara li nħarġet it-twissija ġenerali, ir-riskji estremi fil-qrib għall-prospettiva ekonomika battew sa ċertu punt.** Dan irrifletta l-prezzijiet aktar baxxi tal-enerġija u tal-komoditajiet, il-profitabbiltà tal-banek li kienet aħjar milli mistennija u ż-żieda fil-prezzijiet tal-ekwità. L-iffrankar tal-enerġija mill-unitajiet domestiċi u d-ditti, flimkien ma' xitwa moderata, għenu biex jiġi evitat ir-riskju estrem ta' kriżi tal-enerġija totali fl-Ewropa. Barra minn hekk, il-ftuħ mill-ġdid tal-ekonomija Ċiniża wara l-politika ta' lockdown fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19 appoġġa d-domanda globali.

**It-tħassib dwar il-vulnerabbiltajiet tas-settur bankarju intensifika f'Marzu 2023 wara l-kollass ta' żewġ banek ta' daqs medju fl-Istati Uniti u l-problemi li rriżultaw fl-akkwiżizzjoni ta' Credit Suisse minn UBS.** Dawk li jfasslu l-politika fil-ġuriżdizzjonijiet relevanti malajr implimentaw bosta

---

[2] Il-perjodu ta' rieżami għal dan ir-rapport jibda mill-1 ta' April 2022 sal-31 ta' Marzu 2023.

miżuri li għenu biex tiġi rrestrawrata l-fiduċja fis-settur finanzjarju.[3] Il-BERS innota li l-iżviluppi fis-settur bankarju u fis-swieq finanzjarji f'Marzu issenjalaw ħtieġa li nibqgħu viġilanti fir-rigward tal-vulnerabbiltajiet esposti minn dawn l-avvenimenti, meta jitqiesu l-istrutturi ta' finanzjament u l-ġestjoni tar-riskju tar-rata tal-imgħax fil-ktieb bankarju f'ambjent makrofinanzjarju ta' sfida. Għal dan il-għan, il-BERS saħaq li l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jippreservaw b'attenzjoni l-livelli attwali tagħhom ta' reżiljenza sabiex jiżguraw li jkunu jistgħu jkampaw f'ambjent potenzjalment anqas favorevoli.[4]

**Il-BERS kompla bl-attivitajiet regolari tiegħu ta' monitoraġġ u kkontribwixxa għall-eżerċizzji tal-ittestjar tal-istress tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej.** Bħala parti minn monitoraġġ tar-riskji f'ċerti partijiet tas-settur finanzjarju mhux bankarju, il-BERS ippubblika l-**EU Non-bank Financial Intermediation Risk Monitor** annwali tiegħu. Ipprovda wkoll xenarji negattivi għat-**test tal-istress tas-settur bankarju madwar l-UE tal-Awtorità Bankarja Ewropea tal-2023** u t-**test tal-istress tal-fond tas-suq monetarju tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq fl-2022**, kif ukoll **ix-xenarju tal-klima għat-test tal-istress għall-fond tal-pensjonijiet madwar l-UE tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol fl-2022.**

**Matul il-perjodu tar-rieżami l-BERS kompla jaħdem fuq bosta dossiers importanti tal-politika transsettorjali u transfruntiera.** Bħala parti minn din il-ħidma, ħareġ rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati r-riskji fis-swieq tal-proprjetà immobbli kummerċjali (PIK). Il-PIK għandha interkonnessjonijiet b'saħħithom kemm mal-ekonomija reali kif ukoll mas-sistema finanzjarja, u bħala tali jista' jkollha impatt sistemiku fuq it-tnejn. Ir-rakkomandazzjoni tal-BERS tistabbilixxi operazzjonijiet ta' politika fuq żmien qasir sa żmien medju sabiex tiżdied ir-reżiljenza bejn firxa ta' istituzzjonijiet finanzjarji, inklużi banek, fondi ta' investiment u assiguraturi. Il-BERS irrakkomanda wkoll azzjonijiet regolatorji mill-Kummissjoni Ewropea sabiex jiġu indirizzati lakuni fid-*data* u sabiex jiġi stabbilit regolament ibbażat fuq l-attività sabiex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet tas-CRE fost is-settur finanzjarju. Barra minn hekk, huwa ppropona suġġerimenti ta' politika dwar ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja relatati ma' inċidenti ċibernetiċi u t-tibdil fil-klima, kif ukoll il-kriptoassi u l-finanzi deċentralizzati. Dawn il-proposti huma mfassla biex itaffu r-riskji u l-vulnerabbiltajiet magħrufa li huma mifruxa b'mod trasverali fis-sistema finanzjarja. Uħud minn dawn ir-riskji u l-vulnerabbiltajiet trasversali ġew enfasizzati wkoll fit-twissija ġenerali, għalkemm ħafna minn din il-ħidma kienet bdiet qabel ma nħarġet it-twissija.

**Il-BERS kompla jaħdem ukoll fuq politiki speċifiċi għas-settur, li jkopru l-banek, il-fondi ta' investiment, l-assiguraturi u l-ekosistema tal-ikklirjar ċentrali.** It-twissija ġenerali tal-BERS ta' Settembru 2022 enfasizzat il-ħtieġa li tiżdied ir-reżiljenza ta' dawn is-setturi sabiex titnaqqas il-probabbiltà li l-iskossi jiġu trażmessi lil partijiet oħrajn tas-sistema finanzjarja. Għas-settur bankarju, din il-ħidma speċifika għas-settur inkludiet kontribuzzjonijiet lir-rieżami ta' ħames snin tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-qafas tal-politika makroprudenzjali fl-UE. Il-BERS appoġġa wkoll lill-membri tal-BERS fid-deċiżjonijiet tagħhom dwar il-politika makroprudenzjali nazzjonali. Barra mis-settur bankarju, il-BERS kien sejjaħ b'mod ripetut għal riformi regolatorji fis-settur finanzjarju mhux

---

3 Pereżempju, il-Bank Nazzjonali Żvizzeru **pprovda assistenza ta' likwidità sostanzjali** biex jappoġġa l-akkwiżizzjoni ta' Credit Suisse minn UBS. Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, l-Awtorità Bankarja Ewropea u s-Superviżjoni Bankarja tal-BĊE ħarġu **stqarrija konġunta** li ċċarat l-ordni li fiha l-azzjonisti u l-kredituri għandhom iġarrbu t-telf f'każ ta' insolvenza. Il-Bank of Canada, il-Bank of England, il-Bank tal-Ġappun, il-Bank Ċentrali Ewropew, il-Federal Reserve System u l-Bank Nazzjonali Żvizzeru **ħabbru azzjoni kkoordinata** biex itejbu l-forniment ta' likwidità permezz tal-arranġamenti permanenti tal-linja swap tal-likwidità f'dollari Amerikani.

4 Ara **l-istqarrija għall-istampa** wara l-laqgħa tal-Bord Ġenerali tal-BERS fit-30 ta' Marzu 2023.

bankarju[5] u kien innota li kien sar biss ftit progress.[6] Il-proposti leġiżlattivi għar-rieżami tar-regoli prudenzjali li jirregolaw il-fondi tal-investiment, l-assiguraturi u l-ikklirjar ċentrali maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-perjodu ta' rieżami ipprovdew opportunità biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet. B'riflessjoni ta' dan, il-BERS avviċina lill-koleġiżlaturi biex jindika oqsma f'dawn il-proposti fejn ikun tajjeb li jsiru ammeljoramenti sabiex jitnaqqsu r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja.

**Il-politiki makroprudenzjali f'bosta Stati Membri tal-UE ġew issikkati matul il-perjodu ta' rieżami b'risposta għaż-żieda fir-riskji ċikliċi.** Ir-rati tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika (CCyB) żdiedu fi 13-il pajjiż tal-UE/ŻEE matul il-perjdu tar-rieżami (il-Bugarija, il-Kroazja, Ċipru, l-Estonja, Franza, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Litwanja, in-Netherlands, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Iżvezja). Erba' pajjiżi daħħlu riżerva ġdida għar-riskju sistemiku (SyRB). Liechtenstein, Malta u s-Slovenja użaw l-SyRB biex jindirizzaw riskji settorjali relatati mas-suq tal-proprjetà immobbli u s-settur tal-unitajiet domestiċi. Il-Finlandja imponiet SyRB fuq l-iskoperturi domestiċi totali. In-Netherlands u n-Norveġja estendew l-applikazzjoni ta' miżuri nazzjonali eżistenti aktar stretti (taħt l-Artikolu 458 tar-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital – CRR[7]). Fin-Netherlands, il-miżura mmirat lis-settur tal-proprjetà immobbli residenzjali (RRE), filwaqt li fin-Norveġja mmirat kemm lis-settur tal-RRE kif ukoll dak tas-CRE. Finalment, l-Awstrija, ir-Rumanija, is-Slovenja, l-Iżlanda, l-Irlanda, in-Norveġja u s-Slovakkja adottaw miżuri ġodda bbażati fuq min jissellef (BBMs) jew immodifikaw dawk eżistenti. Uħud minn dawn il-miżuri applikaw għal dawk kollha li jieħdu ċertu tip ta' self, filwaqt li oħrajn applikaw għal gruppi speċifiċi ta' dawk li jisselfu (eż. dawk li jixtru għall-ewwel darba, dawk li jixtru t-tieni proprjetà jew proprjetajiet sussegwenti). Filwaqt li l-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet dwar il-BBMs irriżultaw fl-issikkar tal-politika, f'xi każijiet il-BBMs ġew illaxkati għal sottogruppi magħżula ta' dawk li jissellfu.

**Il-BERS wettaq l-obbligi tiegħu ta' akkontabilità u rappurtar lill-Parlament Ewropew u lill-pubbliku.** Bħala parti minn dawn l-obbligi, il-President tal-BERS attendiet seduta pubblika quddiem il-Kumitat dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament Ewropew (ECON) fl-20 ta' Ġunju 2022. Il-Viċi President tal-BERS attenda seduta pubblika quddiem l-ECON fis-16 ta' Mejju 2022. F'dawn l-okkażjonijiet, il-Membri tal-Parlament Ewropew ingħataw informazzjoni diretta dwar ir-raġunament għall-inizjattivi ta' politika meħuda mill-BERS. Fit-28 ta' Novembru 2022 il-Presidenza għamlet ukoll laqgħa kunfidenzjali mal-Presidenza u l-Viċi-Presidenza tal-ECON biex tiddiskuti r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja. Bħala parti mill-akkontabilità tiegħu lejn il-pubbliku, il-BERS ħareġ ir-Rapport Annwali tiegħu għall-2021 f'Lulju tal-2022.

**Il-BERS organizza wkoll bosta konferenzi u workshops biex irawwem diskussjonijiet dwar il-politika makroprudenzjali.** Bħala parti mill-mandat tiegħu, il-BERS organizza l-laqgħa annwali tiegħu mal-Kumitat tal-Korpi Ewropej għas-Sorveljanza tal-Awditjar u l-awdituri statutorji ta' banek u assiguraturi sistematikament importanti globali bbażati fl-UE. Il-BERS organizza wkoll is-sitt

---

5 Ara, pereżempju, id-diskors minn Mario Draghi, li dak iż-żmien kien il-President tal-BĊE u l-President tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, "**Building on the achievements of post-crisis reforms**", fit-tieni laqgħa annwali tal-BERS, fi Frankfurt am Main, fil-21 ta' Settembru 2017.

6 Ara d-**diskors** mill-President tal-BERS, Christine Lagarde, fis-Seduta quddiem il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament Ewropew fl-20 ta' Marzu 2023.

7 **Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).**.

konferenza annwali tiegħu, li ffukat fuq sfidi għall-politika fl-ambjent makroekonomiku attwali u l-innovazzjoni teknoloġika u r-riskju sistemiku.

# Dettalji tal-istampa

**© Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, 2023**

Indirizz postali 60640 Frankfurt am Main, il-Ġermanja
Telefon +49 69 1344 0
Sit elettroniku **www.esrb.europa.eu**

Id-drittijiet kollha riżervati. Ir-riproduzzjoni għal għanijiet edukattivi u mhux kummerċjali hija permessa sakemm jissemma s-sors.

Għat-terminoloġija speċifka, jekk jogħġbok irreferi għall-**glossarju BERS** (disponibbli bl-Ingliż biss).

PDF ISBN 978-92-9472-309-3, ISSN 1977-5601, doi:10.2849/457664, DT-AB-23-001-MT-N